# LEĦEN IS-SANTWARJU TA' ĦAŻ-ŻABBAR

DIĊEMBRU 2022 – Ħarġa Nru: 205




*Il-Kelma tal-Arċipriet...*

## X'QED JOFFRILNA…?

Jista' jkun li l-jiem li ġejjin inħarsu lejhom b'ferħ għax nafu li, hemm lesti għalina attivitajiet li normalment ma jkunux magħna matul is-sena. Imma jista' jkun ukoll li, jekk aħna bħalissa għaddejjin minn xi toqol fil-ħajja tagħna, it-tbatija li dan jikkawżalna se nibqgħu nġorruha anke fil-ġranet li ġejjin.

It-tbatija hija parti integrali minn ħajjtitna. Għal min ikun għaddej minn dan iż-żmien iebes, il-Milied jista' joħloq aktar tbatija għax jaf li se jkollu jaffaċċja s-solitudni, deċiżjonijiet iebsin, relazzjoniet mxellfa, mard, sitwazzjonijiet li mhux dejjem hemm soluzzjonijiet għalihom…

Allura, għal dan kollu, Ġesù tarbija għandu xi bakketta maġika li tipprovdilna s-soluzzzjoni għal dan il-gwaj?

**Dak li jgħaddi minnu ħaddieħor**

Tajjeb li qabel ma nibdew "nitħassru" lilna nfusna mis-sitwazzjoni li nkunu fiha, inġibu quddiem għajnejna kemm hawn nies li bħalissa qed jiffaċċjaw sitwazzjonijiet imwegħra akbar minn tagħna. Inħarsu lejn:



- Il-poplu Ukren (u popli oħra), li għaddej minn tbatijiet kbar f'din l-ewwel xitwa li qed jiffaċċja fil-gwerra;
- Miljuni ta' nies li mhux biss ma jistgħux jagħmlu kapriċċi għalihom u għal uliedhom fi żmien il-Milied, iżda lanqas matul is-sena, minħabba l-povertà li qed iġarrbu;
- Tant u tant nies li għandhom id-dritt tal-libertà ta' espressjoni ristrett għal kollox u jridu jipprotestaw u jirriskjaw ħajjithom biex forsi jaslu għalih;
- Tant miljuni ta' rifuġjati li jkollhom iħallu pajjiżhom biex isibu futur f'artijiet oħra, mifrudin mill-familjari tagħhom;
- Tant nies li jiġu diskriminati u bbuljati minħabba r-reliġjon, ir-razza, l-orjentament sesswali…

U dan kollu jibqa' għaddej anke f'dan iż-żmien "suppost" ta' ferħ!

Il-lista hija żgur itwal minn din. Dan kollu jgħinna nqegħdu t-tbatijiet tagħna fil-perspettiva propja tagħhom. Jeħtieġ li aħna nwessgħu l-orizzonti tagħna u ma nibqgħux inħarsu biss lejn il-konfini tal-familja, ir-raħal jew il-pajjiż tagħna.

**X'differenza jagħmel?**

Ġesù ġie fostna sabiex bil-Kelma tiegħu, bil-qrubija (viċinanza) tiegħu, bl-għażliet tiegħu, bl-eżempju tiegħu, itina direzzjoni f'ħajjitna. Ġesù jrid jakkumpanjana u ma jħalliniex għal riħna, qisna dagħjsa mingħajr tmun.

Ejjew f'dan il-Milied napprezzaw aktar il-barkiet li għandna, it-talenti li l-Mulej għaniena

bihom, il-familjari u l-ħbieb li tana bħal rigal. Fl-istess ħin naraw kif aħna, bħalu, inkunu aġenti tal-bidla kull fejn inkunu. Dan nagħmluh billi niżirgħu l-imħabba, il-ftehim, l-attenzjoni, il-kuraġġ u s-sliem. Din hi ħidma facli? Żgur li le. Imma la din kienet il-missjoni ta’ Ġesù, din għandha tkun ukoll il-missjoni tas-segwaċi tiegħu.

Nawguralkom ilkoll, il-Milied it-Tajjeb mimli kuraġġ li l-Mulej Ġesù jaf jagħtina.

***Dun Evan***

## NILTAQGĦU NHAR … DIĊEMBRU 2022

**Ħadd 11:** **It-Tielet Ħadd tal-Avvent**
**Tlieta 13:** Santa Luċija, verġni u martri – Tifkira O. *Jum ir-Repubblika* – festa nazzjonali u pubblika. Il-quddies ikun bħal ta’ matul il-ġimgħa.
**Erbgħa 14:** San Ġwann tas-Salib, presbiteru u duttur tal-Knisja – Tifkira O
**Ħamis 15:** Tibda **n-Novena tal-Milied** animata minn diversi għaqdiet. Wara l-quddiesa tas-6.00pm issir il-mixgħela tal-presepju tas-santwarju.
**Ħadd 18:** **Ir-Raba’ Ħadd tal-Avvent**
**Sibt 24:** *Lejlet il-Milied*. Bejn id-9.00am u l-11.00am qrar fis-santwarju. Fil-5.00pm u 6.15pm quddies. Fil-5.30pm purċissjoni ta’ Lejlet il-Milied mis-Soċjetà tal-Museum mat-toroq tal-parroċċa. Fl-9.45pm tibda l-Velja tal-Milied bil-priedka tat-tifel. Fl-10.30pm purċissjoni bil-Bambin fil-knisja u Konċelebrazzjoni Solenni.
**Ħadd 25:** **Solennità tat-Twelid tas-Sinjur Tagħna Ġesù Kristu.** Fl-10.15am Konċelebrazzjoni Solenni tal-Milied.
**Tnejn 26:** San Stiefnu, protomartri – Festa
**Tlieta 27:** San Ġwann, appostlu u evanġelista – Festa
**Erbgħa 28:** Il-Qaddisin Innoċenti Martri – Festa
**Ħamis 29:** ***Jibdew il-jiem tal-Kwaranturi.*** L-espożizzjoni tibda wara l-quddiesa tat-8.30am sa 12.00pm. Nerġgħu nesponu fl-4.30pm sas-6.00pm meta ssir quddiesa bil-kant tat-Talba ta’ Filgħaxija (l-Għasar). Fl-aħħar tingħata l-barka sagramentali.
**Ġimgħa 30:** Il-Familja Mqaddsa ta’ Ġesù, Marija u Ġużeppi. *It-tieni jum tal-Kwaranturi.*
**Sibt 31:** *L-aħħar jum tas-sena u l-aħħar jum tal-Kwaranturi.* Nesponu ’l Ġesù Ewkaristija wara l-quddiesa tat-8.30am sa 12.00pm. Filgħodu jkun hawn il-qrar fis-santwarju. Quddiesa fil-5.00pm. Fis-6.15pm Konċelebrazzjoni ta’ radd-il ħajr, purċissjoni Ewkaristika mal-knisja, kant tat-Te Deum u barka Sagramentali.

**L-Intenzjoni tal-Papa għal Diċembru**
*L-Organiżazzjonijiet Voluntiera (ta’ bla profitt)*
Nitolbu biex l-organiżazzjonijiet tal-voluntiera, impenjati għall-iżvilupp tal-bniedem u dedikati għall-ġid komuni, ifittxu bla heda toroq ġodda għal aktar koperazzjoni fuq livell internazzjonali.



## INGĦAQDU MAL-MULEJ GĦAL DEJJEM

***Nitolbu għal dawk li ħallewna minn din il-komunità bejn Novembru u nofs Diċembru:***

Joseph Borg, Joseph Saliba, Domenica Grech, Raymond Debono, Emanuela Vella, Rosaria Buttigieg, Adelina Cassar, Josette Camilleri, Salvina Cini, Anna Vella, Carmelo Camilleri, Santo Barun, Joseph Farrugia, Carmel Mizzi, Joseph Borg, Marianne Fenech, Joseph Vella.

*Agħtihom, O Mulej, il-mistrieħ ta’ dejjem.*